MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 310/2017/1 LM

**Lawrence Desira (K.I. numru 769145(M))**
**u Mary Desira (K.I. numru 337949(M))**
***(l-appellata)***

***vs.***

**Catherine sive Katie armla ta' John Farrugia (K.I. numru 683055M)**
**personalment u kif ukoll bħala l-unika eredi tal-mejjet żewġha John Farrugia**
***(l-appellanta)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata Catherine Farrugia mis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"], li permezz tagħha ddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-

appellanta filwaqt li laqgħet it-talba tar-rikorrenti Lawrence Desira u Mary Desira [minn issa ’l quddiem "l-appellati"] u b’hekk ikkundannat lill-appellanta sabiex tħallas lill-appellati s-somma ta’ €12,415, bl-ispejjeż legali inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta’ Lulju, 2017, u tal-mandat ta’ sekwestru numru 1973/2017 u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-Avviż sad-data tal-pagament effettiv.

## Fatti

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw self ta’ ħdax-il elf Euro (€11,000) li sar mill-appellati lil John Farrugia, li jiġi r-raġel tal-appellanta u li miet fis-6 ta’ Ottubru, 2015, skont kif miftiehem permezz ta’ skrittura privata [minn issa ’l quddiem magħrufa bħala "l-iskrittura"][1] ffirmata bejniethom fil-21 ta’ Mejju, 2015, flimkien mal-imgħaxijiet fl-ammont ta’ €1,415 dovuta bir-rata ta’ 6% fuq l-ammont misluf.

## Mertu

3. L-appellati istitwew dawn il-proċeduri permezz tal-preżentata ta’ rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn ħarrku lill-appellanta sabiex tgħid għaliex m’għandhiex tiġi kkundannata tħallas is-somma komplessiva ta’ tnax-il elf erba’ mija u ħmistax-il Euro (€12,415), inkwantu għall-ammont ta’ ħdax-il elf ewro (€11,000) rappreżentanti kapital misluf għal sena lill-mejjet John Farrugia

[1] A *fol.* 2 tal-proċess.

u inkwantu għall-ammont ta' elf erba' mija u ħmistax-il Euro (€1,415) rappreżentanti mgħax bir-rata ta' 6%, u dan skont l-iskrittura.

4. L-intimata ppreżentat r-risposta tagħha fejn eċċepiet is-segwenti: (1) il-fatti kienu kontestati u għalhekk kellhom jiġu ppruvati; (2) l-appellanta ma kinitx firmatarja fuq l-iskrittura; (3) l-appellati kellhom juru l-provenjenza tas-somma mislufa; (4) l-appellanta ma kinitx il-kuratriċi tal-wirt battal ta' żewġha u għalhekk ma kinitx il-leġittimu kontradittur f'din il-kwalità; (5) bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja kien jonqos il-kunsens tagħha u fin-nuqqas l-iskrittura ma setgħetx torbot lilha wkoll; (6) fl-iskrittura ma kien hemm l-ebda indikazzjoni dwar meta għandha titħallas lura s-somma dovuta; u (7) l-azzjoni hija waħda intempestiva.

**Is-Sentenza Appellata**

5. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Illi qabel xejn din il-Qorti sejra tgħaddi fuq il-kwistjoni mqajjma mill-konvenuta dwar il-fatt li dan il-ftehim kien att ta' amministrazzjoni straordinarja u dan skont l-artikolu 1322(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi f'dawn il-proċeduri ma nġiebet ebda prova li bejn il-konvenuta u l-mejjet John Farrugia ma kienitx tapplika l-komunjoni tal-akkwisti ladarba huma kienu miżżewġin u jgħixu Malta u qatt ma għamlu att pubbliku sabiex jeskludu l-komunjoni.*
>
> *Illi dan il-fatt joħroġ b'mod ċar anki mill-istess eċċezzjoni mqajjma mill-konvenuta meta eċċepiet il-kwistjoni li din hija kwistjoni ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja u għalhekk tapplika f'każijiet ta' żwieġ taħt ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi skont l-istess artikolu 1321(1) jipprovdi li* l-beni kollha li l-miżżewwġin

ikollhom jew parti minnhom kollha jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra. *Il-konvenuta tressaq din il-pretensjoni għaliex tikkontendi li l-fatt li għamel żewġha kien att ta' amministrazzjoni straordinarja li huwa regolat bl-art. 1322(2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:-*

Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewwġin flimkien.

*In vista tal-pretensjoni li qegħda tagħmel il-konvenuta, irid jiġi determinat jekk l-att li sar mir-raġel tagħha u ċioé John Farrugia kienx jammonta għal att ta' amministrazzjoni straordinarja. Fis-sentenza li tat fit-3 ta' Gunju 2005 fil-kawża "Carmela Galea vs Evelyn Jones et" din il-Qorti (PA/TM) qalet hekk:-*

"Ġie diversi drabi stabbilit mill-Qrati tagħna li huma biss dawk l-atti elenkati fl-artikolu 1322(3)(a) sa (m) li għandhom jitqiesu ta' natura straordinarja, u, għalhekk, għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva – ara "Agius vs Camilleri", deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar, 1999, u "Elmo Insurance Services Ltd vs Pace", deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2003."

*Il-konvenuta ssostni li l-att li tilmenta fuqhu sar minn żewġha mingħajr il-kunsens tagħha jaqa' taħt il-paragrafu (f) tal-artikolu 1322(3). Illi ma jidhirx li dak li għamel ir-raġel tal-konvenuta għamlu minħabba n-negozju tiegħu għaliex prova tax-xogħol li huwa kien jagħmel ma tresqitx. Illi għalhekk il-pern tal-eċċezzjonijiet sollevata mill-konvenuta huwa li d-dejn m'għandux ikun a karigu tagħha stante li kien ir-raġel tagħha li kien għamel dan il-ftehim minn wara daharha tant li hi lanqas tidher fuq din l-iskrittura. Il-konvenuta ssostni li hija m'għandhiex tħallas għaliex kien ir-raġel tagħha li għamel att ta' amministrazzjoni straordinarja mingħajr il-kunsens tagħha li allura ma torbotx lill-komunjoni tal-akkwisti a tenur tal-artikolu 1322(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi jibda jingħad li fil-każ tal-lum jirriżulta li Catherine Farrugia ma ġabet ebda prova li hija bdiet xi proċedura sabiex tannulla dak l-att ta' amministrazzjoni straordinarja. L-istess artikolu 1326(5) jgħid espressament:*

*"(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, meta f'xi att li jkun jeħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra u li jkun dwar mobbli, parti taġixxi waħedha, il-parti l-oħra ma tkunx tista' titlob annullament tal-att; meta iżda, il-parti l-oħra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew taċitament, dik il-parti tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxit waħedha tirreintegra l-komunjoni tal-*

*akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.*

*Illi b'dak li qiegħed jingħad f'dan l-artikolu, għalkemm huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja, f'dan il-każ, il-konvenuta ma tistax titlob li tali skrittura tiġi kunsidrata li hija nulla għal fatt li ma kienitx parti fiha. Tali nuqqas tagħha f'din l-iskrittura jagħti biss azzjoni kontra l-parti l-oħra li f'dan il-każ kontra John Farrugia sabiex jagħmel tajjeb għal tali danni li hija setgħet ġarbet. Kien fl-interess tagħha li tieħu dawk il-miżuri kollha taħt l-artikolu 1326(5) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jidher dan ma seħħx. Meta saret din l-iskrittura John Farrugia, li llum huwa mejjet, għamlu fiż-żmien meta kien għad hemm għaddej ir-reġim tal-kommunjoni tal-akkwisti u għalhekk dak li sar kien sejjer jaffetwa lil kull parti anki jekk sar wara dahar il-mara tiegħu u ċioé Catherine Farrugia. Illi għalhekk il-konvenuta ma tistax tinqeda li dak li sar minn John Farrugia bl-insaputa tagħha iġib in-nullità tal-istess skrittura. Illi għalhekk din l-eċċezzjoni qegħda tkun respinta.*

*Il-konvenuta tgħid ukoll li l-kawża ġiet intavolata kontra tagħha fil-vesti personali tagħha. Illi dan il-fatt huwa marbut ukoll ma' kwistjoni mqajjma dwar li l-konvenuta ma tidhirx fl-istess skrittura dwar l-att ta' amministrazzjoni straordinarja. F'dan il-każ l-argument li hija ma kenitx firmatarja ta' din l-iskrittura ma jistax japplika f'dan il-każ u dan għaliex fiż-żmien meta saret din l-iskrittura, iż-żwieġ tal-konvenuta kien marbut bir-reġim tal-kommunjoni tal-akkwisti. Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri lanqas ma nġiebet prova tal-fatt li l-konvenuta fejn iż-żwieg tagħha ma kienx immexxi mill-komunjoni tal-akkwisti. Illi għalhekk dak li għamel ir-raġel tagħha jaqa' piż fuq il-komunjoni u għalhekk l-unika rimedju li kellha l-konvenuta kien li tmexxi kontra r-raġel tagħha taħt dak li ngħad hawn fuq. Illi għalhekk anki din l-eċċezzjoni qegħda tiġi respinta.*

*Illi minn naħa l-oħra l-istess konvenuta teċċepixxi li hija mhiex il-leġittimu kontradittur minħabba l-fatt li mhijiex il-kuratriċi* de jure *tal-wirt, meqjus battal ta' John Farrugia. Illi ta' min jinnota dak li jgħid l-artikolu 860(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ir-rinunzja għall-wirt jipprovdi li r-rinunzja għall-wirt ma tistax tkun preżunta. F'dan il-kuntest, issir referenza għall-kaz fl-ismijiet* **Joseph Gauci et vs Jane Galea et**, P.A. deċiża fit-3 ta' April 2003 *fejn intqal: "…* u allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt u ma jagħmlux att di eredità, huma jistgħu, f'kull żmien jirrinunzjaw għall-wirt." *(Ara wkoll* **Borg noe vs Camilleri et**, deċiża fit- 2 ta' Novembru 1995 – App. Ċiv.).

*Illi f'dan il-kuntest ma nġiebet ebda prova min-naħa tal-konvenuta li hija b'xi mod irrinunzjat jew inkella li hija mhiex l-eredi ta' żewġha. Għalhekk din il-Qorti ma tistax*

*tassumi dak li ntqal fir-risposta tal-konvenuta li hi m'hiex il-leġittimu kontraditur f'dawn il-proċeduri u għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda wkoll tiġi respinta.*

*Issa jibqa' l-fatt jekk f'dak li hemm fl-iskrittura li saret bejn l-atturi u r-raġel tal-konvenuta li ġġib id-data tal-21 ta' Mejju 2015. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Ċitazzjoni Numru 1348/2000/TM) fil-kawża fl-ismijiet* ***'Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe'*** *fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

Il-prinċipju pacta sunt servanda huwa wieħed applikat rigorosament mill-Qrati tagħna, u jekk ma tirriżultax xi ċirkustanza li, skont il-liġi, tista' twassal għat-tħassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jiġi esegwit miż-żewġ naħat.

*Huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba tal-ftehim. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara* ***Clive Simpson vs John Saliba nomine et*** *PA 22/06/2004 u* ***Frendo vs Caruana,*** *App Ċiv 28/01/1999). Fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet (ara* ***Brincat vs Saliba,*** *App Ċiv 14/11/1983). Il-kunsens, veru li għandu jkun espressjoni tal-volontà ta' dak li tal-kunsens, però, meta l-kunsens jingħata forma solenni ta' att pubbliku, hu preżunt lil-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volontà interna tal-kuntraent.*

*Il-prova kuntrarja, biex twaqqa' dak li jirriżulta minn att pubbliku, trid tkun ċara, inekwivoka, u konkludenti (****Grech vs Ciantar****, Qorti tal-Kummerċ 21/05/1979).*

*F'dan il-każ Lawrence Desira jgħid li meta sellef il-flus lil John Farrugia huwa kellu l-ħsieb li jieħu kollox lura inkluż l-imgħax jew inkella jħalli dik is-somma skont is-sitwazzjoni li jkun fiha. Dan il-fatt ħareġ biċ-ċar mill-attur meta qal (a fol 27) "*Iva, jekk ikun tajjeb, inħallihom, jekk ma nkunx tajjeb, niġbidhom". *Illi minn dak li hemm fl-istess skrittura li tinsab a fol 2 tal-proċess joħroġ biċ-ċar li l-ammont li kien ġie misluf lil John Farrugia kien ta' ħdax-il elf Euro (11,000 Euro) u wara sena jingħata wkoll imgħax ta' sitta fil-mija għall-ammont ta' sitt mija u sittin Ewro (660 Euro) mas-somma mislufa.*

*Illi minn dak li ntqal fl-esposizzjoni legali joħroġ biċ-ċar li l-intenzjoni li jingħata s-somma lura kollha u l-imgħax magħhom kellha tkun id-data tal-21 ta' Mejju 2016 jekk tinżamm għal sena. Illi għalhekk il-ħsieb tal-partijiet kienet waħda ċara li wara l-għeluq tas-sena jingħata lura lill-atturi is-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u sittin Ewro (11,660 Euro) inkluż il-kapital misluf u l-imgħax bis-sitta fil-mija.*

*Illi għalhekk però li qabel l-għeluq tas-sena John Farrugia miet u l-biżgħa tal-attur kien li huwa ma kienx se jitħallas la l-kapital u lanqas l-imgħax dovut. Minn dak li xehed l-istess Lawrence Desira, dan John Farrugia ħalla ammonti ta' persuni jittamaw sabiex jitħallsu lura flus dovuta lilhom.*

*Waqt li l-konvenuta tgħid li ma hemm l-ebda referenza għal meta kellha tiġi mħallsa lura s-somma kapitali għaliex hemm biss indikazzjoni ta' kif għandhom jiġu komputati l-interessi fis-sena u ta' meta dawn l-interessi iridu jithallsu lura. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li qalet il-konvenuta fir-risposta tagħha. F'dan il-każ il-kliem huwa ċar li wara l-għeluq tas-sena jitħallas l-ammont ta' imgħax bis-sitta fil-mija u jitħallas fil-21 ta' Mejju 2016 jekk tinżamm għal sena u fid-data stabbilita fil-ftehim titħallas is-somma kollha lura kemm l-imgħax u l-kapital.*

*Illi fil-kawża fl-ismijiet* ***"Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et"*** *(Cit. Nru: 3535/96/RCP) deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2002 ingħad dwar dan l-artikolu tal-liġi li:*

"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sun servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines"**).

*Illi inoltre ġie deċiż illi:*

"Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet preveduta u li kien hemm bżonn li tiġi maqtugħa, u din għandha tiġi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P.I., p.27) (*ikkwotata fis-sentenza* ***"Beacom vs Spiteri Staines"*** *– ibid;* ***"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"*** *– P.A.(RCP) 12 ta' Lulju 2001;* ***"Anton Spiteri vs Alfred Borg"*** *– P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000;* ***"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"*** *– P.A. (RCP)30 t'Ottubru 2001.*

*Illi għalhekk fid-dawl tas-suespost hija l-konvenuta li għandha twieġeb għall-ħlas dovut skont il-ftehim li sar bejn l-atturi u d-defunt John Farrugia tal-iskrittura li saret fil-21 ta' Mejju 2015.*

*F'dan l-istadju ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet* ***Emanuel Ciantar vs David D noe*** *deċiża nhar it-28 t'April 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn ġie ritenut li:*

**"Fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah."**

*Illi f-dan il-każ l-atturi qiegħdin jagħmlu referenza fit-talba tagħhom għal dokument ieħor li sar fit-12 ta' Lulju 2017 meta preżentaw ittra uffiċjali kontra l-konvenuta. Illi waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri dan id-dokument ma ġiex ippreżentat. Madanakollu waqt il-kawża dan il-fatt ġie konfermat mill-istess attur meta qal li niżel żgur "fil-kantina tal-Qorti", darbtejn, u dan a bażi ta' probabbilità l-Qorti temmen li huwa qiegħed għalhekk jikkonferma li niżel mal-Avukat biex jintavola l-ittra uffiċjali msemmija – fatt li tul il-kors tal-proċeduri ma ġiex ikkontestat mill-konvenuta. Illi in vista tal-fatt li saret din il-prova permezz tax-xhieda tal-istess attur Desira l-Qorti qegħda tasal għall-konklużjoni li s-somma kollha pretiża u ċioé dik ta' tnax-il elf erbgħa mija u ħmistax-il Euro (€12,415) għandha titħallas in toto."*

## L-Appell

6. L-appellanta ppreżentat appell mis-sentenza appellata fil-25 ta' Ottubru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex *"… jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tirrimetti lura l-proċess lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili*[2]*."*

Tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċizjoni tal-ewwel Qorti għaliex (a) l-oneru tal-prova kien fuq l-appellati; (b) id-dejn ma kienx jorbot il-komunjoni tal-akkwisti; u (ċ) it-transazzjoni saret mingħajr preġudizzju.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Fir-risposta tal-appell tagħhom, l-appellati qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontriha, b'dana li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu doppji.

[2] *Recte:* Qorti tal-Maġistrati (Malta).

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta, flimkien mar-risposta tal-appellati, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet u tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

*L-ewwel aggravju: l-oneru tal-prova*

9. L-appellanta tressaq dan l-ewwel aggravju fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fid-dawl tal-asserzjoni tagħha li ma tressqux provi sodisfaċenti li hija kienet aċċettat il-wirt ta' żewġha John Farrugia. Qiegħda tippretendi li wara li l-appellati fetħu l-proċeduri odjerni kontriha bħala l-unika eredi ta' żewġha John Farrugia u hija kienet eċċepiet li ma kinitx il-leġittimu kontradittur, l-oneru tal-prova li hija fil-fatt kienet aċċettat il-wirt kien jaqa' fuqhom għaliex minn jallega kellu jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu. Iżda minflok l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-appellanta min-naħa tagħha ma kienet ressqet l-ebda prova sabiex turi li kienet irrinunzjat għall-wirt jew li ma kinitx eredi ta' żewġha. In sostenn tal-argument tagħha l-appellanta tiċċita s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Nobbli Rosatio Ferro Attard Montalto *vs.* Nobbli Charles Vella Bonavita et**.[3]

10. L-appellati fit-tweġiba tagħhom jilqgħu billi jgħidu li f'laqgħa mal-kredituri tal-mejjet John Farrugia, l-appellanta kienet ikkonfermat hija stess li

[3] P.A., 16.12.1966.

kienet l-eredi tiegħu u li kienet aċċettat l-eredità filwaqt li assigurat lill-kredituri li kienu ser jitħallsu.

11. L-ewwel Qorti wara li tosserva li l-appellanta kienet eċċepiet li ma kinitx il-leġittimu kontadittur peress li ma kinitx il-kuratriċi *de jure* tal-wirt, meqjus bħala battal, tgħaddi sabiex tikkunsidra dak li jgħid is-subartikolu 860(1) tal-Kap. 16 dwar ir-rinunzja tal-wirt u tiċċita dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Jane Galea et**.[4] Minn hemm għaddiet sabiex irrilevat li l-appellanta ma kienet ressqet l-ebda prova sabiex turi li hija kienet irrinunzjat għall-wirt ta' żewġha jew li hija ma kinitx l-eredi tiegħu. Għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha li ma kinitx il-legittimu kontradittur.

12. Din il-Qorti tosserva li l-appellati istitwew dawn il-proċeduri kontra l-appellanta kemm fil-vesti personali tagħha, kif ukoll *"...bħala l-unika eredi tal-istess mejjet żewġha John Farrugia."* Imkien ma jallegaw li l-wirt ta' John Farrugia huwa wieħed battal u hija proprju l-appellanta li filwaqt li teċċepixxi li ma kinitx il-leġittimu kontradittur, tgħid li l-wirt ta' żewġha kien meqjus bħala wieħed battal. Għalhekk sewwa għamlet l-ewwel Qorti meta kkunsidrat dak li tgħid il-liġi li r-rinunzja tal-wirt ma tistax tiġi preżunta. Hawnhekk din il-Qorti tirrileva li l-liġi permezz tas-subartikolu 860(2) tal-Kap. 16 tipprovdi dwar l-uniku mod kif tista' ssir r-rinunzja u in vista tal-eċċezzjoni tagħha, l-oneru tal-prova kellu jgħaddi għal fuq l-appellanta. Kien jispetta lilha sabiex tressaq prova li l-wirt ta' żewġha kien tassew battal permezz ta' prova tar-rinunzja ta' dak il-wirt min-naħa tagħha, kif ukoll minn kull wild tagħhom, ġaladarba mix-xhieda tal-appellat jirriżulta li almenu l-appellanta u l-mejjet John Farrugia

[4] P.A., 03.04.2003.

kellhom tifla.[5] F'dak il-każ mhuwiex il-kuratur *de jure* li jirrappreżenta l-wirt battal iżda dak il-kuratur li jogħġobha taħtar il-Qorti skont dak li jipprovdi l-paragrafu 929(a) tal-Kap. 12. Il-kuratur *de jure* jidher biss fl-eventwalità li l-wirt ma jkunx għadu ġie aċċettat mill-eredi[6] u għalhekk jidher hu bħala kuratur *de jure* għall-eredità. Issa fil-każ odjern jirriżulta mix-xhieda[7] tal-appellat Lawrence Desira li l-appellanta kienet saħansitra bagħtet mhux għalihom biss iżda wkoll għal kredituri oħra għal laqgħa f'sala ġewwa ż-Żurrieq fejn hi kienet assigurat li *"kulhadd se jinqeda."* Filwaqt li l-Qorti ssostni li hawn mhux qiegħda tikkunsidra l-mertu ta' dak li ntqal fir-rigward tat-talba għall-ħlas, tosserva li din ix-xhieda bl-ebda mod ma ġiet kontradetta mill-appellanta. Tikkunsidra li l-imsemmija appellanta b'hekk wettqet att li jista' jitqies bħala aċċettazzjoni taċita tal-wirt ta' żewġha, u kif issostnu t-Torrente u Schlesinger, l-aċċettazzjoni tal-wirt mhix azzjoni revokabbli.[8] Is-subartikolu 850(3) tal-Kap. 16 jipprovdi fir-rigward tal-aċċettazzjoni taċita kif ġej:

> *"Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet."*

13. Is-sejħa għal laqgħa tal-kredituri tal-mejjet żewġha u l-assikurazzjoni mogħtija mill-appellanta li dawn kienu ser "jinqdew", ifisser li b'hekk l-appellanta bla dubju ta' xejn kienet intromettiet ruħha fil-wirt ta' żewġha u ma tistax din il-Qorti ma tikkunsidrax li b'hekk hija kienet qiegħda taċċettah. Jekk ma kinitx werrieta tiegħu, ftit wieħed jista' jifhem kif waslet biex saħansitra tagħti assikurazzjoni lill-kredituri. Fuq kollox, kif qalet l-ewwel Qorti, l-

[5] A *fol.* 20 *et seq.* tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti.
[6] Ara Q. Kumm. **Giuseppe Apap *vs.* Maria Cassar et**, 24.11.1964.
[7] *Supra.*
[8] Andrea Torrente u Piero Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato*, dodicesima ed., p.996.

appellanta ma ġabet l-ebda prova sabiex turi li hija ma kinitx l-eredi tar-raġel tagħha u għalhekk tali aċċettazzjoni ma setgħetx issir għajr fil-vesti tagħha ta' eredi.

14. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanta ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: Id-dejn ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti*

15. L-appellanta qiegħda tippretendi li ġaladarba r-raġel tagħha kien għamel id-dejn *ad insaputa* tagħha u saħansitra hija lanqas tidher fuq l-iskrittura, hija ma kellhiex tkun responsabbli għall-ħlas lura tas-somma pretiża. Tikkontendi li l-att magħmul mill-mejjet raġel tagħha huwa wieħed ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur tas-subartikolu 1322(1) tal-Kap. 16, iżda dan sar mingħajr il-kunsens tagħha u kien biss wara li ġie nieqes żewġha li saret taf bis-self mingħand l-appellati. L-appellanti tissottometti li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-att magħmula mir-raġel tagħha kellu jkun ta' piż fuq il-komunjoni tal-akkwisti għaliex tali att kien wieħed parafernali u kienet applikabbli d-deroga kontemplata fis-subartikolu 1329(1) tal-Kap. 16.

16. Min-naħa tagħhom l-appellati jinsistu li s-self li taw lill-mejjet John Farrugia ma kienx att ta' amministrazzjoni ta' natura straordinarja kif ħażin iddeċidiet l-ewwel Qorti, iżda att ordinarju formanti parti min-negozju tiegħu. Dan seta' jgħiduh in vista tal-konoxxjenza tagħhom ta' diversi kawżi oħra

quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li saru John Farrugia fir-rigward ta' self skont skritturi privati simili għal dik li ffirmaw miegħu l-appellati.

17. L-ewwel Qorti kkunsidrat l-eċċezzjoni tal-appellanta li l-iskrittura ffirmata bejn żewġha u l-appellati kienet att ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur tal-paragrafu (f) tas-subartikolu 1322(3) tal-Kap. 16, iżda magħmul mingħajr il-kunsens tagħha. Issa l-ewwel Qorti mill-ewwel qalet li ma kienx jidher li din l-iskrittura saret *ai fini* tan-negozju tiegħu għaliex prova dwar ix-xogħol li kien jagħmel ma tressqitx mill-appellanta. Din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-ewwel Qorti u tgħid li ma tirriżultax l-iċken prova f'dawn l-atti li tista' titfa' xaqq ta' dawl fuq x'kien jikkonsisti x-xogħol jew in-negozju tal-mejjet John Farrugia. Għaldaqstant hawnhekk l-appellati m'għandhom l-ebda raġun meta jikkontendu mod ieħor u r-riferiment li għamlu għal diversi proċeduri oħra f'dawn il-Qrati ma sservi xejn fin-nuqqas ta' prova tagħhom.

18. Minn hawnhekk l-ewwel Qorti tgħaddi biex tikkunsidra jekk allura l-appellanta kellhiex tinżamm responsabbli għad-dejn li għamel ir-raġel tagħha mertu ta' dawn il-proċeduri. Għamlet riferiment għas-subartikolu 1326(5) tal-Kap. 16 u tgħid li in vista ta' dak li tipprovdi l-liġi, l-appellanta ma setgħetx titlob għall-annullament tal-att magħmul mir-raġel tal-appellanta u hija kellha biss azzjoni sabiex l-istess żewġha jagħmel tajjeb għad-danni. B'hekk l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-appellanta.

19. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-ewwel Qorti. Huwa ċar li l-att magħmul mill-mejjet John Farrugia kien wieħed ta' amministrazzjoni straordinarja *ai termini* tal-paragrafu (f) tas-subartikolu 1322(3) tal-Kap. 16 u

mhux wieħed parafernali. Għalhekk kien hemm bżonn tal-kunsens tal-appellanti u ġaladarba dan il-kunsens ma ngħatax, il-liġi ma tagħti l-ebda konfort lill-appellanta u ma teżentax l-komunjoni tal-akkwisti milli tagħmel tajjeb għad-dejn li daħal għalih John Farrugia fir-rigward tal-appellati skont l-iskrittura. Barra minn hekk id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1326(5) tal-Kap. 16 saħansitra ma jħallu l-ebda dubju li l-appellanta lanqas tista' titlob l-annullament tal-iskrittura.

20. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ma tarax li dan it-tieni aggravju huwa ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju: tranżazzjoni 'mingħajr preġudizzju'*

21. L-appellanta tispjega li fis-sentenza appellata hemm diversi riferimenti għal-laqgħat li saru qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, iżda dawn il-laqgħat ma kellhomx jiġu kkunsidrati mill-ewwel Qorti għaliex bla dubju kull tentattiv ta' tranżazzjoni magħmul qabel l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kien sar 'mingħajr preġudizzju'. Il-prinċipju f'dan ir-rigward huwa ben stabbilit kemm fil-ġurisprudenza tagħna kif ukoll f'diversi kitbiet ta' ġuristi internazzjonali u hawn l-appellanta tagħmel riferiment għall-każistika ta' dawn il-Qrati.

22. Din il-Qorti tirrileva li kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni l-appellanta, m'hemm l-ebda riferiment fis-sentenza appellata għall-imsemmija laqgħat u għalhekk tikkunsidra li dan l-aħħar aggravju mhux ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appellati u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**